# GĦAJNUNA REĠJONALI MILL-ISTAT

L-għan tal-għajnuna reġjonali mill-Istat huwa li tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-aktar reġjuni żvantaġġużi fl-Ewropa.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari 107(3)(a) u (c) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali (ir-Regolament ta' Awtorizzazzjoni).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER)). Il-GBER ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta' notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għall-għajnuna għall-infrastrutturi tal-isport u ta' rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi.

Fid-19 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni adottat "Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020" (2013/C 209/01), minn issa 'l quddiem "Il-Linji gwida" u dawn daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2014.

## SFOND

F'termini ġenerali, l-għajnuna mill-Istat tfisser kwalunkwe għajnuna (indipendentement mill-forma tagħha) li tingħata lil ċerti impriżi (l-atturi li qed iwettqu attivitajiet ekonomiċi) minn awtoritajiet pubbliċi nazzjonali. Jekk din l-għajnuna tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa n-negozju, l-għajnuna mill-Istat ma tkunx kompatibbli mas-suq intern, ħlief jekk ikun previst mod ieħor fit-Trattati. Jeħtieġ li l-iskemi ta' għajnuna jiġu kkontrollati u l-Istati Membri, skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, huma għaldaqstant obbligati li jinnotifikaw lill-Kummissjoni minn qabel dwar kwalunkwe pjan li tingħata tali għajnuna. Bl-adozzjoni tal-hekk magħruf "Regolament ta' Awtorizzazzjoni", il-Kunsill ippermetta lill-Kummissjoni tiddefinixxi eżenzjonijiet (permezz tal-adozzjoni tal-hekk magħruf Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali għall-għajnuna mill-Istat), u b'hekk jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern u eżenti minn notifika preċedenti.

Bħala waħda mill-eċċezzjonijiet previsti, ċerti forom ta' għajnuna jistgħu jitqiesu li huma kompatibbli mas-suq intern f'reġjuni speċifiċi. L-għajnuna ta' dan it-tip hija magħrufa bħala għajnuna reġjonali u għandha l-għan li tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi.

Il-GBER jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet li skonthom l-iskemi ta' għajnuna reġjonali jkunu kompatibbli mas-suq komuni u eżenti min-notifika. Barra mill-GBER, il-Kummissjoni tipprovdi gwida dwar miżuri ta' għajnuna li mhumiex eżenti minn notifika, inkluża gwida dwar l-għajnuna reġjonali. Il-Linji gwida huma applikati għal skemi ta' għajnuna reġjonali notifikati u għal għajnuna individwali.

## IT-TIPI TA' GĦAJNUNA U L-ELIĠIBBILTÀ

Ir-regoli stabbiliti fil-forma ta' Linji gwida jifformaw il-bażi għall-Istati Membri biex iħejju mapep ta' għajnuna reġjonali u permezz tagħhom jidentifikaw: (1) iż-żoni li fihom kumpaniji jistgħu jirċievu għajnuna reġjonali mill-Istat; u (2) l-intensità ta' dik l-għajnuna.

**A.** Il-kamp ta' applikazzjoni

Il-Linji gwida, japplikaw, bħala prinċipju, għas-setturi kollha tal-attività ekonomika. Madankollu, l-attivitajiet li ġejjin jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Linji gwida:

— setturi li fihom l-għajnuna reġjonali ma tkunx kompatibbli mas-suq intern: l-industrija tal-azzar u tal-fibri sintetiċi;

— setturi li fihom l-għajnuna tkun soġġetta għal strumenti ġuridiċi speċifiċi u/jew linji gwida oħra tal-Istat: sajd u akwakultura, agrikoltura (b'xi eċċezzjonijiet speċifiċi), trasport, ajruporti, enerġija;

— attivitajiet meqjusa mhux kompatibbli mas-suq intern, sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet ġenerali mniżżla fil-Linji gwida u kundizzjonijiet speċifiċi addizzjonali: netwerks broadband u infrastrutturi ta' riċerka.

Barra minn dawn li ssemmew, tingħata kunsiderazzjoni speċjali lil impriżi kbar u lil għajnuna operatorja:

— għajnuna reġjonali lil impriżi kbar mhijiex kompatibbli mas-suq intern taħt l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, sakemm ma tappoġġjax investimenti inizjali li joħolqu attività ekonomika ġdida jew id-diversifikazzjoni ta' stabbilimenti eżistenti fi prodotti ġodda jew innovazzjonijiet ta' proċessi ġodda;

— għajnuna lil impriżi bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż (għajnuna operatorja) mhijiex kompatibbli mas-suq intern, sakemm l-għan tagħha ma jkunx li tindirizza problemi speċifiċi jew permanenti f'reġjuni żvantaġġati (jiġifieri biex tnaqqas diffikultajiet li jiffaċċjaw l-SMEs, tikkumpensa spejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi jew biex tipprevjeni/tnaqqas id-depopolazzjoni f'żoni li fihom ma tantx jgħixu nies).

**B.** Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna reġjonali

L-għajnuna reġjonali notifikata hija suġġetta għal valutazzjoni mill-Kummissjoni, li jfisser li ssir analiżi sabiex tiddetermina jekk l-impatt pożittiv tal-għajnuna lejn objettiv ta' interess komuni jaqbiżx l-impatt negattiv tagħha fuq in-negozju u l-kompetizzjoni. L-analiżi tittratta l-elementi li ġejjin:

— il-kontribuzzjoni għal objettiv ta' interess komuni definit tajjeb skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat;

— il-ħtieġa għal intervenzjoni mill-Istat (f'sitwazzjonijiet fejn is-suq ma jistax jipprovdi ċertu titjib ta' materjal);

— l-adegwatezza tal-miżura tal-għajnuna biex tindirizza l-objettiv ta' interess komuni;

— l-effett ta' inċentiv li jirriżulta f'bidla ta' imġiba fost l-impriżi (jiġifieri l-impriżi li huma involuti f'attivitajiet addizzjonali);

— il-proporzjonalità tal-għajnuna (jiġifieri l-għajnuna hija limitata għal ammont minimu biex iħajjar l-investiment jew attività addizzjonali);

— l-evitar ta' effetti negattivi mhux dovuti fuq il-kompetizzjoni u n-negozju;

— it-trasparenza (aċċess faċli għal informazzjoni dwar l-għajnuna mogħtija).

Skemi ta' għajnuna li jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni b'mod sinifikanti jistgħu jiġu soġġetti wkoll għal evalwazzjonijiet *ex post* u l-Kummissjoni tista' tillimita t-tul ta' żmien ta' tali skemi. Evalwazzjoni *ex post* tista' tiġi imposta biss fil-każ ta' skemi ta' għajnuna b'baġits kbar, li jinkludu karatteristiċi ġodda jew li jinvolvu bidliet sinifikanti fis-suq, it-teknoloġija jew bidliet regolatorji.

**C.** Mapep ta' għajnuna reġjonali — eliġibbiltà

Iż-żoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti taħt l-Artikolu 107(3)(a) u (c) (minn hawn 'il quddiem żoni "a" u "c"), flimkien mal-livelli ta' intensità massima ta' għajnuna, iridu jiġu identifikati mill-Istati Membri f'mapep ta' għajnuna reġjonali. Il-Kummissjoni tiġi notifikata dwar dawn il-mapep u tapprovahom sabiex l-għajnuna reġjonali tkun tista' tingħata lill-impriżi li jinsabu f'żoni deżinjati fil-mapep. Il-limitu massimu għall-kopertura ġenerali taż-żoni "a" u "c" huwa stabbilit għal 47 % tal-popolazzjoni tal-UE-28.

**1.** żoni "a" — Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE

Il-Linji gwida jistipulaw li dawn li ġejjin jistgħu jiġu deżinjati bħala żoni "a"[1]:

— ir-reġjuni NUTS 2[2] fejn il-prodott domestiku gross (PDG) per capita skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist huwa daqs jew anqas minn 75 % tal-medja tal-UE-27;

— Reġjuni ultraperiferiċi.

Il-limiti tal-intensitajiet massimi ta' għajnuna f'żoni "a" huma kif ġej:

— 50 % tal-ekwivalenti ta' għotja gross f'reġjuni NUTS 2 bi PDG per capita ta' anqas minn jew daqs 45 % tal-medja tal-UE-27;

— 35 % tal-ekwivalenti ta' għotja gross f'reġjuni NUTS 2 bi PDG per capita daqs jew bejn 45 % u 60 % tal-medja tal-UE-27;

— 25 % tal-ekwivalenti ta' għotja gross f'reġjuni NUTS 2 bi PDG per capita li jaqbeż is-60 % tal-medja tal-UE-27.

---

[1]Anness I tal-Linji gwida jinkludi l-lista ta' żoni "a" eliġibbli u mqassma skont l-Istat Membru.
[2]NUTS: Klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika.

Il-limiti massimi msemmija qabel jistgħu jiġu miżjuda b'ammont massimu ta' 20 % f'reġjuni ultraperiferiċi anqas żviluppati u b'10 % f'reġjuni ultraperiferiċi oħrajn. L-intensità ta' għajnuna massima tista' tiġi miżjuda b'20 punt perċentwali għal impriżi żgħar jew b'10 punti perċentwali għal impriżi ta' daqs medju.

**2.** żoni "c" — Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE

Il-Linji gwida jiddistingwu bejn żewġ kategoriji ta' żoni "c":

— żoni "c" predefiniti[3]: żoni li jissodisfaw kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel li jistgħu jiġu deżinjati minn Stati Membri mingħajr ġustifikazzjoni ulterjuri; din il-kategorija tinkludi reġjuni NUTS 2 li ġew deżinjati bħala żoni "a" fil-perjodu 2011-2013, kif ukoll reġjuni NUTS 2 u NUTS 3 li fihom ma tantx jgħixu nies, kif ukoll partijiet jew żoni qrib reġjuni NUTS 3, taħt ċerti kundizzjonijiet;

— żoni "c" mhux predefiniti[4]: żoni li jistgħu jiġu deżinjati minn Stat Membru sakemm jissodisfaw ċerti kriterji soċjoekonomiċi.

Fid-dawl tal-impatt tal-kriżi ekonomika fuq l-Istati Membri u tal-għan li tiġi żgurata kontinwità fil-mapep ta' għajnuna reġjonali, il-Linji gwida jipprevedu xibka ta' sikurezza u limitu minimu għall-kopertura tal-popolazzjoni[5]. Il-Linji gwida jistipulaw ħames settijiet ta' kriterji li jindirizzaw problemi soċjoekonomiċi (PDG per capita, qgħad), problemi ġeografiċi (iżolament) jew strutturali (bidla strutturali kbira, tnaqqis), li għandhom jintużaw minn Stati Membri biex jiddeżinjaw żoni "c" mhux predefiniti.

Il-limiti tal-intensità massima ta' għajnuna f'żoni "c" huma stabbiliti kif ġej:

— 15 % tal-ekwivalenti ta' għotja gross f'żoni li fihom ma tantx jgħixu nies u f'żoni (reġjuni NUTS 3 jew partijiet ta' reġjuni NUTS 3) li għandhom fruntiera fuq l-art komuni ma' pajjiż barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA);

— 10 % tal-ekwivalenti ta' għotja gross f'żoni "c" mhux predefiniti.

Dawn il-limiti jistgħu jiġu miżjuda f'żoni "a" preċedenti (minn 10 % tal-ekwivalenti ta' għotja gross għal 15 %) u f'żoni "c" li jkunu maġenb żona "a". L-intensità ta' għajnuna massima tista' tiġi miżjuda b'20 punt perċentwali għal impriżi żgħar jew b'10 punti perċentwali għal impriżi ta' daqs medju.

**D.** Notifika u rieżami ta' nofs it-terminu

Abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida, kull Stat Membru kellu jipprovdi lill-Kummissjoni mappa ta' għajnuna reġjonali waħda li tkun valida mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Dawn il-mapep ġew eżaminati u adottati mill-Kummissjoni, u ppubblikati wkoll fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk jikkostitwixxu parti integrali mil-Linji gwida.

Fl-2016 sar rieżami tal-eliġibbiltà taż-żoni għall-għajnuna reġjonali (rieżami ta' nofs it-terminu tal-mapep tal-għajnuna reġjonali), u l-mapep emendati għall-għajnuna reġjonali se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2020.

[3]Anness I jinkludi allokazzjoni speċifika għal kopertura "c" predefinita għal kull Stat Membru.

[4]Anness II tal-Linji gwida jistabbilixxi l-metodu għall-allokazzjoni tal-kopertura "c" mhux predefinita.

[5]Il-kopertura "c" mhux predefinita inklużi l-aġġustamenti msemmija qabel kif stabbiliti fl-Anness I.

**E.** Rappurtar u monitoraġġ

L-Istati Membri jeħtiġilhom iżommu rekords dettaljati dwar il-miżuri kollha ta' għajnuna għal 10 snin mid-data tal-għoti tal-għajnuna u jeħtiġilhom jippreżentaw lill-Kummissjoni:

— rapporti annwali;

— informazzjoni dwar kull miżura ta' għajnuna individwali li taqbeż it-EUR 3 miljun.

## L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT U L-POLITIKA TA' KOEŻJONI

Il-proġetti bl-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni (taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej) iridu jkunu konformi mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali[6]. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw li l-iskemi ta' għajnuna tagħhom jikkonformaw ma' liġijiet dwar l-għajnuna mill-Istat, inklużi r-regoli dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat, u b'rabta ma' dan, janalizzaw interventi ippjanati fil-kuntest tal-programmi (operattivi) tagħhom u jissodisfaw kull obbligu potenzjali dwar in-notifika. Il-proċess ta' programmar strateġiku previst fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni u l-analiżi tal-għajnuna skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat għadhom separati iżda hemm il-possibbiltà, f'ċerti każijiet, li tintuża l-analiżi li fuqha huma bbażati interventi tal-politika ta' koeżjoni bħala raġunijiet għall-ġustifikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat.

Il-qafas leġiżlattiv[7] jinkludi referenzi espliċiti għal regoli ta' għajnuna mill-Istat, partikolarment fil-kuntest ta' strumenti finanzjarji, operazzjonijiet li jiġġeneraw id-dħul, sħubiji pubbliċi-privati, dewmien ta' operazzjonijiet, eċċ. Barra minn dan, biex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni effettiva tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat mill-Istati Membri, l-iżborż tal-fondi huwa suġġett għas-sodisfazzjon tal-obbligazzjonijiet (kundizzjonalitajiet *ex ante*)[8] li jinkludu arranġamenti fl-Istati Membri biex iħarrġu lill-persunal u jinfurzaw il-kapaċità amministrattiva f'dan il-qasam.

L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat hija wieħed mill-oqsma "riskjużi" tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, u ta' sikwit hi r-raġuni għal żbalji li jsibu l-awdituri.

F'Novembru 2018, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2018/1911 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1588 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali. L-għan tiegħu huwa li jtejjeb l-interazzjoni tal-programmi ta' finanzjament tal-UE mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-bidliet jikkonċernaw tliet oqsma: il-finanzjament nazzjonali flimkien mal-istrumenti tal-Fond InvestEU; ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (Orizzont Ewropa, it-tikketta "Siġill ta' Eċċellenza"); u l-Għajnuna għal Kooperazzjoni Territorjali Ewropea.

[6]Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013.
[7]Regolament (KE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013.
[8]Parti II tal-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

F'għadd ta' okkażjonijiet, il-Parlament esprima t-tħassib tiegħu dwar il-konsistenza bejn il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fuq naħa waħda, u r-regoli tal-kompetizzjoni fuq in-naħa l-oħra.

Matul il-proċess ta' modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat (li nbeda fl-2012), meta l-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha skont l-Artikolu 109 tat-TFUE, il-Parlament ġie biss ikkonsultat u ma kellu l-ebda sehem fl-adozzjoni tal-Linji gwida. Madankollu, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-politika reġjonali bħala parti minn skemi usa' ta' għajnuna mill-Istat, huwa appoġġja l-abbozz ta' linji gwida tal-Kummissjoni, talab biex ikun hemm żieda fil-konsistenza mal-GBER u linji gwida oħra u esprima t-tħassib tiegħu dwar jekk ir-regoli ta' għajnuna mill-Istat humiex konsistenti mal-implimentazzjoni ta' strumenti ta' politika ta' koeżjoni (il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej), partikolarment rigward it-trattament ugwali ta' żoni li jappartjenu għall-istess kategorija ta' reġjun fi ħdan il-qafas tal-politika ta' koeżjoni. Il-Parlament talab li tinżamm il-kopertura ġenerali tal-għajnuna reġjonali jew li tiġi miżjuda lil hinn mil-limitu massimu preċedenti ta' 45 % u appoġġja l-ħolqien ta' xibka ta' sikurezza għal reġjuni "a" preċedenti u dispożizzjonijiet speċjali għal reġjuni li fihom jgħixu ftit nies, ultraperiferiċi u gżejjer. Ġiet enfasizzata wkoll il-ħtieġa għal derogi speċifiċi, b'mod partikolari f'żoni li ntlaqtu b'mod sever mill-kriżi ekonomika.

Il-Parlament huwa tal-fehma li l-għajnuna mill-Istat għandha tingħata primarjament lill-SMEs, iżda l-esklużjoni ta' impriżi kbar tista' twassal għal telf ta' impjiegi u għalhekk hu tal-fehma li tali impriżi għandhom jibqgħu eliġibbli f'żoni "c", iżda jiġu soġġetti għal skrutinju partikolari.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016, dwar l-implimentazzjoni tal-objettiv tematiku "nsaħħu l-kompetittività tal-SMEs", il-Parlament talab lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-għajnuna mill-Istat li mhumiex se jiddiskriminaw kontra l-SMEs u li għandhom ikunu konformi mal-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni għall-intrapriżi, u biex tagħmel użu sħiħ mill-iskemi ta' għajnuna fuq il-bażi tal-GBER, filwaqt li tiġi ċċarata r-rabta bejn ir-regoli tal-Fondi SIE għall-SMEs u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni Ewropea: is-7 rapport tal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament qies li kien meħtieġ li jitħaffu l-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat fejn il-konformità hija meħtieġa. Il-Parlament esprima wkoll l-appoġġ tiegħu għal trattament konsistenti u aktar koerenti tal-fondi Ewropej taħt ġestjoni diretta u ta' fondi ta' koeżjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna mill-Istat.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2017 dwar il-promozzjoni tal-koeżjoni u l-iżvilupp fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE: l-implimentazzjoni tal-Artikolu 349 tat-TFUE, il-Parlament jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq l-Artikoli 107(3)(a) u 349 tat-TFUE fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat Reġjonali u l-GBER sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi u tagħtihom aktar attenzjoni.

Diána Haase / Marek Kołodziejski
04/2019